MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 469/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-11 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 6 ta' Marzu 2008, in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo fis-somma ta' tmienja u sittin elf u erbgha u ghoxrin Euro u sitt centezmu (€68,024.06) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok. B1 sa B2), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' April 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokument A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit rispettivament bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jesmond u Caroline mizzewgin

Vassallo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo, ihallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sittin elf u erbgha u ghoxrin Euro u sitt centezmu (€68,024.06) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* ta' Jesmond u Caroline mizzewgin Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B2), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' April 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu 2011 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati u baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tal-bank attur Dr. Lilian Cremona fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011 fejn iddikjarat illi ma sar ebda hlas mill-konvenuti u illi l-bilanc dovut ghadu dak dikjarat fir-rikors promotur;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. C annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------